**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**

(**Spettur Jesmond Micallef**)

**-vs-**

**Spiridione Tanti Costa detentur tal-Karta tal-Identita' Nru. 102365M**

Kaz Nru. 560/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Spiridione Tanti Costa talli:

1. nhar it-22 ta' Ġunju, 2008, matul il-jum u cioè għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs), f'dawn il-gżejjer u cioè minn ġewwa r-residenza numru 171, Charleroi, Triq Tumas Chetcuti, Attard, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) kif ukoll bil-lok, u li sar għad-detriment tas-Sur Christopher Baldacchino u/jew persuni oħra;

2. fit-23 ta' Gunju, 2008, u/jew qabel jew wara din id-data f'dawn il-gżejjer, xjentement, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u cioè telefon ċellulari tal-marka Nokia, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat, jew, xjentament, b'kull mod ikun, indaħal biex ibiegħu jew imexxih;

3. sar reċediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261 (b), (c), (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279 (b), 280(2) u 281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tas-26 t'April, 2016 l-imputat rregistra ammissjoni fuq t-tieni imputazzjoniji u kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata l-opportunita` li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta it-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni u in vista tal-ammissjoni tieghu din il-Qorti ma tistax hlief issibu hati dwar it-tieni imputazzjoni.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat kien instab fil-pussess ta' *mobile phone* li kien parti minn serqa li sehhet f'171, Triq Tumas Chetcuti, Attard nhar it-22 ta' Gunju, 2008, f'xi hin bejn 17.50-19.40hrs.[1] L-investigazzjonijiet zvelaw kif l-imputat kien ghamel uzu minn mobile phone misruq f'dik is-serqa ghall-habta tal-<u>12.26pm tal-gurnata ta' wara s-serqa, fit-23 ta' Gunju, 2008.</u> Dan sehh billi l-imputat uza s-*sim card* tieghu fil-mobile misruq. L-Ispettur Micallef jixhed ukoll illi l-imputat kien indikalu persuna li kien xtrah minghandu izda din il-persuna kienet lahqet mietet fil-perjodu bejn meta sehhet is-serqa u cioe' f'Gunju, 2008, u meta gie investigat l-imputat fit-18 ta' Novembru, 2008.[2] Ma jirrizultax li l-pulizija lahqet investigat din il-pista.

---

[1] Fol.27; Proces Verbal Fol.1
[2] Fol.28

Illi l-inkjesta mertu tas-serqa li qed jigi akkuzat biha l-imputat inghalqet f'Jannar, 2009, filwaqt li dawn il-proceduri nbdew hames snin wara li sehhet l-imsemmija serqa. F'dak it-trapass baqaw ma nstabux l-oggetti l-ohra misruqa u elenkati fir-relazzjoni tal-espert Ciliberti esebita fl-inkjesta citata ghajr ghall-mobile phone wiehed (kienu nsterqu tnejn flimkien ma xi *laptops*) li rrizulta kien intuza mill-imputat.

Illi din il-Qorti kkunsidrat li s-serqa sehhet fit-22 ta' Gunju, 2008, l-informazzjoni nghatat mill-Go fid-9 ta' Lulju, 2008, u saret talba sussegwenti lill-Vodafone fl-1 ta' Settembru, 2008, bl-informazzjoni tinghata fid-9 ta' Settembru, 2008.[3] L-imputat pero` gie mitkellem xahrejn wara f'Novembru, 2008.

Illi dan it-trapass ukoll ikompli johloq diffikultajiet partikolarment meta wiehed iqis li r-*res furtive* ta' dan il-kaz, facilment setghet tigi dissipata meta jigi kkunsidrat in-natura taghha, *inter alia*, gojellerija u flejjes.

Illi l-fatt li l-imputat ghadda l-informazzjoni dwar minghand min xtara l-mobile barra mill-statement jista' wkoll ikollu s-sinifikat tieghu. Ma ntqal xejn dwar ghaliex din ma ddahlitx fl-istatement dwar jekk kienitx fuq talba tal-akkuzat jew semplicement intqalet lill-Ispettur wara li kien saret l-istqarrija. Ghandu jigi rilervat galadarba qed jissemma l-istqarrija tal-imputat li fuq skorta ta' decizjonijiet ricentemenet enuncjati l-istess stqarrija qed tigi skartata.[4] Lanqas ma jirrizulta mill-atti l-persuna indikata mill-imputat kienitx maghrufa mal-pulizija u dettalji ohra dwar l-informazzjoni moghtija mill-imputat lill-Pulizija bhal per ezempju ghal kemm kien xtrah u c-cirkostanzi relattivi ghal dan il-bejgh.

Illi kif jidher mill-akkuza l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ta' **serq** mill-fond 171, Charleroi, Triq Tumas Chetcuti, Attard, izda **mhux ta' ricettazzjoni** fir-rigward ir-res furtiva ta' dik is-serqa **ghajr ghal-mobile phone**.[5] Dan hu anke rifless fin-Nota tal-Avukat Generali a fol.104. Peress li l-artiklu 476(2) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed rez applikkabli ghall-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hi prekluza milli tghaddi biex tikkunsidra jekk tistax tinstab htija dwar ir-reat ta' ricettazzjoni (fir-rigward tal-kumplament tar-res furtiva) studjat *funditus* b'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

---

[3] JM5 Fol.111

[4] Il-Pulizija vs Joseph Camilleri (Qorti tal-Appell Kriminali, Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Onor Imhallef Dr Edwina Grima; Decizjoni tal-Qprti Kriminali fuq Eccezzjonijiet Preliminari dwar l-Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech. 02.06.2016

[5] Fol.109 jirreferi ghal Mobile Phone Nokia 99472944, stmat li jiswa 582.34 Euro a fol.8 tal-Proces Verbal.

(Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Debono**,[6] fejn il-Qorti ta' l-Appell ezaminat ukoll it-tejorija elaborata minn gurisprudenza u awturi inglizi dwar "***the unlawful possession of recently stolen goods***." jew 'l hekk imsejjha "***theory of recent possession***".

Illi l-imputat ammetta it-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet soddisfacentement pruvata. Hu ovvju li l-fatt li l-imputat laqa' ghandu oggett misruq, ma jwassalx lil din il-Qorti ghal dak il-konvinciment morali li abbazi tieghu tista' tasal sabiex issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' serq mill-imsemmija residenza. *Mobile phone* facilment jigi negozjat f'qasir zmien, anke mumenti wara li jinsteraq, u kienu lahqu ghaddew kwazi 17 il-siegha wara li sehhet is-serqa meta jidher li intuza. Kif inghad il-Qorti ma nghatax informazzjoni dwar dak li ghamlu l-pulizija bl-informazzjoni li nghataw mill-imputat dwar il-bejjiegh bil-ghan li jikkonstataw il-veracita` ta' dik l-informazzjoni o meno. Certament minkejja l-mewt tal-allegat bejjiegh xorta setghu saru investigazzjonijiet fil-perjodu bejn it-18 ta' Novembru, 2008 u meta gie akkuzat l-imputat f' Gunju, 2013, sabiex issir maghruf jekk dak li zvela l-imputat setghax imqarr remotament kellhu mis-sewwa!

Mill-atti proceswali din il-Qorti ma tistax hlief tillibera l-imputat fuq mankanza ta' provi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Illi giet esebita sentenza fil-konfront tal-imputat izda dik is-sentenza hi nieqsa mill-konnotati tal-imputat u ma saret ebda prova dwar l-identita` tieghu. Aktar minn hekk l-isem indikat f'dik is-sentenza hu dak ta' Spiridione Tanti meta l-imputazzjoni hi mahruga fuq Spridione Tanti Costa. Ghalhekk ma jistax jinghad li, minghajr dubbju dettat mir-raguni, dik is-sentenza tirreferi ghall-imputat odjern u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni tar-recidiva.

Madanakollu in kwantu ghal piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat imbarka fuq hajja ta' serq li taf il-bidu taghha fl-<u>1982</u>, bl-ahhar reat ta' serq li gie misjub hati dwaru jirrisali ghal Novembru tal-<u>2011</u>.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 334 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx htija inkwantu ghal-ewwel u it-tielet imputazzjoni u ghaldaqstant tillibera lill-imputat mill-istess, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba snin millum.

---

[6] Onor. Imhallef Joe Galea Debono, deciza 15/01/2009

Fl-ahhar nett tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghall-hlas tal-esperti billi jirrizulta li tali inkjesta kienet tirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**